

22001D0021

L 117/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.4.2001

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 21/2001****tat-23 ta' Frar 2001****li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2000 tat-28 ta' Ġunju 2000 (¹).
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-implementazzjoni ta' reġistratu Ewropew ta' emmissjoni ta' sostanzi li jniġġsu (EPER) skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tnejġġis (IPPC) (²) għandha tīġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 2g (Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE) fl-Anness XX għall-Ftehim:

**"2ga. 32000 D 0479:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-implementazzjoni ta' reġistratu Ewropew ta' emmissjoni ta' sostanzi li jniġġsu (EPER) skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tnejġġis (IPPC), (ĠU L 192, tat-28.7.2000, p. 36)."

**Artikolu 2**

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubbliki fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

**Artikolu 3**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

(¹) ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 77.

(²) ĠU L 192, tat-28.7.2000, p. 36.

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fit-23 ta' Frar 2001.

*Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

---